Verżjoni Elettronika

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,644, 15 ta' Mejju, 2026
Taqsima B

A.L. 153 tal-2026

ATT DWAR L-AWTORITÀ TAL-BINI U L-KOSTRUZZJONI (KAP. 623)

Regolamenti tal-2026 li jemendaw ir-Regolamenti dwar ir-Rendiment tal-Enerġija fl-Użu tal-Bini

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 17 tal-Att dwar l-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni, il-Ministru responsabbli għall-industrija tal-kostruzzjoni, wara konsultazzjoni mal-Bord tal-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u għan.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2026 li jemendaw ir-Regolamenti dwar ir-Rendiment tal-Enerġija fl-Użu tal-Bini u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar ir-Rendiment tal-Enerġija fl-Użu tal-Bini, hawn aktar 'il quddiem imsejħa r-"regolamenti prinċipali". L.S. 623.01.

(2) L-għan ta' dawn ir-regolamenti huwa li jittrasponu d-Direttiva (UE) 2023/2413 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ottubru 2023 li temenda d-Direttiva (UE) 2018/2001, ir-Regolament (UE) 2018/1999 u d-Direttiva 98/70/KE fir-rigward tal-promozzjoni tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli, u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2015/652.

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Is-subregolament (2) tar-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minnufih wara t-tifsira "design rating" għandha tiġi miżjuda t-tifsira ġdida li ġejja:

" "Direttiva (UE) 2023/1791" tfisser id-Direttiva (UE) 2023/1791 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Settembru 2023 dwar l-effiċjenza enerġetika u li temenda r-Regolament (UE) 2023/955 (riformulazzjoni);";

(b) minnufih wara t-tifsira "enerġija minn sorsi li jkunu jiġġeddu" għandhom jiġu miżjuda t-tifsiriet ġodda li ġejjin:

" "enerġija minn sorsi rinnovabbli prodotta fil-qrib" tfisser enerġija minn sorsi rinnovabbli, prodotta fi ħdan perimetru lokali jew ta' livell distrettwali ta' bini partikolari, li tissodisfa dawn il-kondizzjonijiet kollha:

Verżjoni Elettronika

(a) li tista' titqassam u tintuża biss fi ħdan dak il-perimetru lokali u fil-livell distrettwali permezz ta' network ta' distribuzzjoni dedikat;

(b) li tippermetti l-kalkolu ta' fattur speċifiku ta' enerġija primarja validu biss għall-enerġija minn sorsi rinnovabbli prodotta f'dak il-perimetru lokali u fil-livell distrettwali; u

(ċ) li tista' tintuża fuq il-post permezz ta' konnessjoni ddedikata għas-sors tal-produzzjoni tal-enerġija, fejn tali konnessjoni ddedikata teħtieġ tagħmir speċifiku għall-provvista u l-metraġġ tal-enerġija għall-użu proprju tal-bini;

"fuq il-post" tfisser f'bini partikolari jew fuqu jew fuq l-art li fuqha jinsab dak il-bini;";

(ċ) minnufih wara t-tifsira "involukru tal-bini" għandha tiġi miżjuda t-tifsira ġdida li ġejja:

" "klijent finali" tfisser persuna fiżika jew ġuridika li tixtri l-enerġija abbażi ta' kuntratt individwali u dirett ma' kumpanija li tforni l-enerġija;";

(d) minnufih wara t-tifsira "korp mhux ġuridiku" għandha tiġi miżjuda t-tifsira ġdida li ġejja:

" "korpi pubbliċi" tfisser awtoritajiet u entitajiet nazzjonali, reġjonali jew lokali ffinanzjati u amministrati direttament minn tali awtoritajiet li ma għandhomx natura industrijali jew kummerċjali;";

(e) minnufih wara t-tifsira "il-Ministru" għandha tiġi miżjuda t-tifsira ġdida li ġejja:

" "parti fdata" tfisser entità legali li tkun delegata b'setgħa mill-Gvern jew minn xi korp pubbliku ieħor sabiex tiżviluppa, tmexxi jew tħaddem skema ta' finanzjar f'isem il-Gvern jew f'isem kwalunkwe korp pubbliku ieħor;

(f) minnufih wara t-tifsira "rendiment b'rata effettiva" għandha tiġi miżjuda t-tifsira ġdida li ġejja:

" "sħana u kesħa mormija" tfisser sħana jew kesħa inevitabbli ġġenerati bħala prodott sekondarju f'installazzjonijiet industrijali jew tal-ġenerazzjoni tal-enerġija, jew fis-settur terzjarju, li jkunu dissipati mhux

Verżjoni Elettronika

użati fl-arja jew fl-ilma mingħajr aċċess għal sistema ta' tisħin jew tkessiħ distrettwali, fejn ikun intuża jew se jintuża proċess ta' koġenerazzjoni jew fejn il-koġenerazzjoni ma tkunx fattibbli;".

Jemenda r-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali.

3. Minnufih wara s-subregolament (3) tar-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi miżjud is-subregolament ġdid li ġej:

"(4) Il-klijenti finali għall-elettriku u l-gass naturali għandhom jiġu pprovduti mill-fornituri tagħhom b'meters individwali bi prezz kompetittiv li jirriflettu b'mod preċiż il-konsum tal-enerġija attwali tal-klijent finali u li jipprovdu informazzjoni dwar il-ħin reali tal-użu:

(a) fejn issir konnessjoni ġdida f'bini ġdid jew bini li jgħaddi minn rinovazzjoni maġġuri, kif stabbilit f'dan ir-regolament, meters individwali bi prezz kompetittiv għandhom jiġu pprovduti f'dawn il-każijiet kollha;

(b) fejn fil-valutazzjoni tal-awtorità kompetenti, bini b'aktar minn appartament wieħed jew b'aktar minn skop wieħed fornut minn tisħin jew tkessiħ distrettwali, jew bini fejn is-sistemi ta' tisħin jew tkessiħ komuni tagħhom stess ikunu saru prevalenti, ir-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma għandu jistabbilixxi regoli nazzjonali trasparenti u disponibbli għall-pubbliku dwar l-allokazzjoni tal-ispiża tat-tisħin, it-tkessiħ u l-konsum domestiku tal-ilma sħun f'tali bini sabiex jiżgura t-trasparenza u l-preċiżjoni tal-kontijiet għall-konsum individwali:

Iżda fejn l-awtorità kompetenti tiddetermina li bini b'aktar minn appartament wieħed jew b'aktar minn skop wieħed fornut minn tisħin jew tkessiħ distrettwali, jew bini fejn is-sistemi ta' tisħin jew tkessiħ komuni tagħhom stess ikunu saru prevalenti, ir-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma għandu jiġi infurmat b'tali deċizjoni u l-awtorità kompetenti għandha tipprovdi lir-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma l-informazzjoni u d-data kollha meħtieġa rilevanti sabiex intlaħqet tali deċiżjoni.".

Jemenda r-regolament 8A tar-regolamenti prinċipali.

4. Ir-regolament 8A tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minnufih wara s-subregolament (2) tiegħu għandhom jiġu miżjuda s-subregolamenti ġodda li ġejjin:

"(2a) Verżjoni aġġornata tal-verżjoni inizjali ta' din l-istrateġija għandha tiġi ppubblikata mill-awtorità

Verżjoni Elettronika

kompetenti kull tliet (3) snin, li għandhom jiġu kalkulati mid-data tal-pubblikazzjoni tal-verżjoni inizjali. Il-verżjonijiet aġġornati għandhom jiġu sottomessi wkoll mill-awtorità kompetenti lill-Ministru responsabbli mill-Awtorità għall-Azzjoni dwar il-Klima sabiex jiġu inklużi fil-pjanijiet nazzjonali integrati ta' Malta dwar l-enerġija u l-klima meħtieġa mir-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 663/2009 u (KE) Nru 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi 94/22/KE, 98/70/KE, 2009/31/KE, 2009/73/KE, 2010/31/UE, 2012/27/UE u 2013/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 2009/119/KE u (UE) 2015/652 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

(2b) L-awtorità kompetenti għandha tirrikjedi l-użu ta' livelli minimi ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli prodotti fuq il-post jew fil-qrib, f'bini ġdid u f'bini eżistenti li jkun għaddej minn rinnovazzjoni maġġuri jew tiġdid tas-sistema tat-tisħin skont dawn ir-regolamenti, meta dak ikun ekonomikament, teknikament u funzjonalment fattibbli. Il-livelli minimi jistgħu jiġu sodisfatti permezz ta' tisħin u tkessiħ distrettwali effiċjenti meta jintwera li dan huwa teknikament u ekonomikament fattibbli. Fil-każ ta' bini eżistenti, il-livelli minimi għandhom japplikaw għall-Forzi Armati biss sa fejn l-applikazzjoni tagħhom f'kwalunkwe mod ma tikkawżax xi kunflitt man-natura u l-għanijiet primarji tal-attivitajiet tal-Forzi Armati, u ma għandhiex tapplika għal materjali użati esklużivament għal skopijiet militari.

(2ċ) Il-Ministru għandu jikkontribwixxi sabiex jintlaħaq is-sehem indikattiv ta' enerġija rinnovabbli billi jippromwovi l-użu ta' sistemi u tagħmir ta' tisħin u tkessiħ rinnovabbli u jista', barra minn hekk, jippromwovi teknoloġija innovattiva, bħal sistemi u tagħmir ta' tisħin u tkessiħ elettrifikati intelliġenti u bbażati fuq sorsi rinnovabbli, ikkomplementati fejn applikabbli, minn ġestjoni intelliġenti tal-konsum tal-enerġija fil-bini.";

(b) minnufih wara s-subregolament (3) tiegħu għandu jiġi miżjud is-subregolament ġdid li ġej:

"(4) (a) Bla ħsara għar-regolament 8, l-awtorità kompetenti għandha tieħu miżuri kosteffettivi, inklużi

Verżjoni Elettronika

rinnovazzjonijiet profondi u miżuri sabiex jinfluwenzaw bidla fl-imġiba tal-okkupanti, sabiex jinkiseb ammont ta' ffrankar tal-enerġija f'bini eliġibbli li jkunu fil-pussess u okkupati minn korpi pubbliċi, li jkunu mill-anqas ekwivalenti għal dawk meħtieġa mill-paragrafu 1 tal-Artikolu 6 tad-Direttiva (UE) 2023/1791, liema ammont ta' enerġija ffrankata għandu jiġi rrapportat annwalment lill-Ministru responsabbli mill-Awtorità għall-Azzjoni dwar il-Klima.

(b) L-awtorità kompetenti għandha tagħmel stima tal-iffrankar fl-enerġija msemmija fil-paragrafi (1) sa (4) tal-Artikolu 6 tad-Direttiva (UE) 2023/1791 billi tuża valuri standard xierqa għall-konsum tal-enerġija tal-korpi pubbliċi ta' referenza qabel u wara r-rinnovazzjoni u skont stimi tal-erja tas-superfiċje tal-istokk tagħhom. Il-kategoriji ta' korpi pubbliċi ta' referenza għandhom ikunu rappreżentattivi tal-istokk ta' tali bini.

(ċ) Il-Ministru responsabbli mill-Awtorità għall-Azzjoni dwar il-Klima għandu javża lill-Kummissjoni Ewropea bil-miżuri ppjanati li jiġu adottati, u juri kif dawn se jiksbu titjib ekwivalenti fir-rendiment tal-enerġija tal-korpi pubbliċi.

(d) Għall-finijiet tal-istabbiliment tal-ekwivalenza bejn l-iffrankar li għandu jintlaħaq skont is-subregolament (1) u l-iffrankar fl-enerġija msemmija fil-paragrafi (1) sa (4) tal-Artikolu 6 tad-Direttiva (UE) 2023/1791, l-awtorità kompetenti f'kollaborazzjoni mal-Awtorità tal-Artijiet, għandha tistabbilixxi u tagħmel pubblikament disponibbli inventarju ta' bini okkupat minn korpi pubbliċi msaħħna u, jew imkessħa b'erja totali utli tal-art ta' aktar minn 250m², eskluż bini eżentat skont il-paragrafu 2 tal-Artikolu 6 tad-Direttiva (UE) 2023/1791, li jkun fih l-informazzjoni li ġejja:

(i) l-erja tal-art f'metri kwadri (m²); u

(ii) ir-rendiment tal-enerġija ta' kull bini jew data oħra rilevanti dwar l-enerġija.

(e) L-awtorità kompetenti għandha tinkoraġġixxi lill-korpi pubbliċi, inkluż korpi ta' akkomodazzjoni soċjali rregolati mil-liġi nazzjonali, b'konsiderazzjoni dovuta għall-kompetenzi rispettivi tagħhom u l-istruttura amministrattiva tagħhom sabiex:

Verżjoni Elettronika

(i) jadottaw pjan ta' effiċjenza fl-enerġija, awtonomu jew bħala parti minn pjan usa' dwar il-klima jew l-ambjent, li jkun fih objettivi u azzjonijiet speċifiċi ta' ffrankar u effiċjenza fl-enerġija, bil-għan li jsegwu r-rwol eżemplari tal-korpi pubbliċi stabbilit f'dan is-subregolament;

(ii) jimplimentaw sistema ta' ġestjoni tal-enerġija, inkluż verifiki tal-enerġija, bħala parti mill-implimentazzjoni tal-pjan tagħhom;

(iii) jużaw, fejn xieraq, kumpaniji ta' servizzi tal-enerġija u kuntrattar ta' rendiment tal-enerġija sabiex jiffinanzjaw rinnovazzjonijiet u jimplimentaw pjanijiet immirati lejn iż-żamma jew it-titjib tal-effiċjenza fl-enerġija fit-tul.".

Jemenda r-regolament 10 tar-regolamenti prinċipali.

5. Ir-regolament 10 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minnufih wara s-subregolament (1) tiegħu għandhom jiġu miżjuda s-subregolamenti ġodda li ġejjin:

"(1a) L-awtorità kompetenti għandha tiżgura li l-bini pubbliku fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali jservi bħala rwol eżemplari fir-rigward tas-sehem ta' enerġija rinnovabbli użata, skont dawn ir-regolamenti u l-Artikolu 6 tad-Direttiva (UE) 2023/1791.

(1b) L-awtorità kompetenti tista' tippermetti li dak l-obbligu jiġi sodisfatt billi, fost affarijiet oħra, tipprovdi għas-soqfa ta' bini pubbliku jew bini b'użu imħallat bejn il-privat u l-pubbliku sabiex jintużaw minn partijiet terzi għal installazzjonijiet li jipproduċu enerġija minn sorsi rinnovabbli, inkluż billi tikkordina mal-Awtorità tal-Artijiet fir-rigward ta' bini li huwa proprjetà tal-Gvern.";

(b) minnufih wara s-subregolament (4) tiegħu għandhom jiġu miżjuda s-subregolamenti ġodda li ġejjin:

"(5) L-awtorità kompetenti għandha tintroduċi miżuri fil-kodiċi u r-regolamenti tal-bini tagħha u, fejn applikabbli, fi skemi ta' appoġġ, sabiex jiżdied is-sehem ta' kull tip ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli fis-settur tal-bini, b'mod partikolari enerġija prodotta fuq il-post jew fil-qrib. Il-Ministru wara konsultazzjoni mal-Bord tal-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni jista' jqis, fejn applikabbli, miżuri nazzjonali relatati ma' żidiet sostanzjali fl-awtokonsum tar-

Verżjoni Elettronika

rinnovabbli, fil-ħażna lokali tal-enerġija u fl-effiċjenza fl-enerġija, relatati mal-koġenerazzjoni u rinnovazzjonijiet maġġuri li jżidu n-numru ta' bini kważi b'enerġija żero u bini li jmur lil hinn mir-rekwiżiti minimi tar-rendiment tal-enerġija provduti fir-regolament 5. Dawn ir-rekwiżiti għandhom japplikaw għall-Forzi Armati biss sa fejn l-applikazzjoni tagħhom ma tkunx f'kunflitt man-natura u l-għanijiet primarji tal-attivitajiet militari, u ma għandhomx japplikaw għal materjal użat esklussivament għal skopijiet militari.

(6) L-awtorità kompetenti, fir-regolamenti u l-kodiċi tal-bini tagħha, jew awtoritajiet kompetenti oħra b'mezzi oħra b'effett ekwivalenti, għandhom jirrikjedu l-użu ta' livelli minimi ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli f'bini ġdid u f'bini eżistenti li jkunu soġġetti għal rinnovazzjoni maġġuri sa fejn dan ikun teknikament, funzjonalment u ekonomikament fattibbli, u billi jirriflettu r-riżultati tal-kalkolu tal-kost ottimali li jsir skont ir-regolament 6, u sakemm dan ma jaffettwax b'mod negattiv il-kwalità tal-arja ġewwa.

(7) Għandu jkun permess li l-livelli minimi jiġu sodisfatti, fost l-oħrajn, permezz ta' sistemi ta' tisħin u tkessiħ distrettwali effiċjenti bl-użu ta' sehem sinifikanti minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli u sħana u kesħa mormija.".

Jemenda r-regolament 11 tar-regolamenti prinċipali.

6. Minnufih wara s-subregolament (4) tar-regolament 11 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi miżjud is-subregolament ġdid li ġej:

"(5) Il-Ministru għandu juża l-miżuri, l-għodod u l-inċentivi kollha xierqa, inkluż it-tikketti tal-enerġija żviluppati taħt ir-Regolament (UE) 2017/1369 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2017 li jistabbilixxi qafas għat-tikkettar tal-enerġija u li jħassar id-Direttiva 2010/30/UE, ċertifikati dwar ir-rendiment tal-enerġija (EPC) stabbiliti skont ir-regolament 12 u ċertifikati jew standards oħra xierqa żviluppati fil-livell tal-Unjoni Ewropea jew nazzjonali, u għandu jiżgura l-provvista ta' informazzjoni u pariri adegwati dwar alternattivi rinnovabbli u ta' effiċjenza enerġetika għolja, kif ukoll dwar strumenti finanzjarji u inċentivi disponibbli sabiex tiġi promossa rata ogħla ta' sostituzzjoni ta' sistemi tat-tisħin qodma u żieda fit-tranżizzjoni lejn soluzzjonijiet ibbażati fuq enerġija rinnovabbli.".

Verżjoni Elettronika

Jemenda r-regolament 33 tar-regolamenti prinċipali.

7. Minnufih wara s-subregolament (3) tar-regolament 33 tar-regolamenti prinċipali għandhom jiġu miżjuda s-subregolamenti ġodda li ġejjin:

"(4) L-awtorità kompetenti, il-Ministru responsabbli għall-Awtorità għall-Azzjoni dwar il-Klima u l-parti fdata għandhom jipprovdu informazzjoni dwar il-mekkaniżmi disponibbli ta' effiċjenza fl-enerġija u oqfsa finanzjarji u legali, liema informazzjoni għandha tkun trasparenti u mxerrda b'mod wiesa' lill-atturi rilevanti kollha tas-suq, bħal konsumaturi, il-bennejja, il-periti, l-inġiniera, l-awdituri ambjentali u tal-enerġija u l-installaturi ta' elementi tal-bini, u għandhom jipprovdu informazzjoni lill-banek u istituzzjonijiet finanzjarji oħra dwar il-possibbiltajiet ta' parteċipazzjoni, inkluż permezz tal-ħolqien ta' sħubijiet pubbliċi u, jew privati, għall-finanzjament ta' miżuri ta' titjib tal-effiċjenza fl-enerġija.

(5) Il-Ministru responsabbli mir-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma għandu jistabbilixxi kondizzjonijiet xierqa għall-operaturi tas-suq sabiex jipprovdu informazzjoni u pariri adegwati u mmirati lejn il-konsumaturi tal-enerġija fir-rigward tal-effiċjenza fl-enerġija.

(6) Il-Ministru responsabbli mill-Enerġija, bil-parteċipazzjoni tal-partijiet interessati, inkluż awtoritajiet lokali u reġjonali, għandhom jippromwovu inizjattivi xierqa ta' informazzjoni, irawmu kuxjenza u taħriġ sabiex jinformaw liċ-ċittadini bil-benefiċċji u bl-aspetti prattiċi tat-teħid ta' miżuri ta' titjib tal-effiċjenza fl-enerġija.".